32006L0082

L 362/94 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 20.12.2006

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2006/82/KE

tat-23 ta' Ottubru 2006

li tadatta d-Direttiva 91/321/KEE dwar il-formulae tat-trabi u l-formulae tal-prosegwiment u d-Direttiva 1999/21/KE dwar ikel tad-dieta għal għanijiet mediċi speċjali, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 56 tal-Att ta' Adeżjoni, fejn azzjonijiet li jibqgħu validi wara l-1 ta' Jannar 2007 jitolbu adattament minħabba l-adeżjoni, u l-adattamenti meħtieġa ma ġewx previsti fl-Att ta' Adeżjoni jew fl-Annessi tiegħu, l-adattamenti meħtieġa għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni fil-każi kollha fejn il-Kummissjoni adottat l-att oriġinali.

(2) L-Att Finali tal-Konferenza li fasslet it-Trattat ta' Adeżjoni indikat li l-Partijiet Kontraenti Għoljin laħqu ftehim politiku dwar sett ta' adattamenti fuq atti adottati mill-Istituzzjonijiet meħtieġa minħabba l-adeżjoni u li l-Kunsill u l-Kummissjoni huma mistiedna jadottaw dawn l-adattamenti qabel l-adeżjoni, kompluti u aġġornati fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi kkunsidrata l-evoluzzjoni tal-liġi tal-Unjoni.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/321/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 dwar il-formulae tat-trabi u l-formulae tal-prosegwiment [1] u d-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar ikel tad-dieta għal għanijiet mediċi speċjali[2] għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

---

[1] ĠU L 175, 4.7.1991, p. 35.

[2] ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

Id-Direttivi tal-Kummissjoni 91/321/KEE u 1999/21/KE huma emendati kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, l-aktar tard sad-data tal-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

   Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mid-data tal-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif trid issir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ soġġetta għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Artikolu 4

Id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri

Magħmula fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2006

Għall-Kummissjoni
Olli Rehn
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

MOVIMENT ĦIELES TAL-PRODOTTI

PRODOTTI TAL-IKEL

1. 31991 L 0321: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 91/321/KEE tal-14 ta' Mejju 1991 dwar il-formuli tat-trabi u l-formuli tal-prosegwiment (ĠU L 175, 4.7.1991, p. 35), kif emendata minn:

– 11994 N: Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni u l-aġġustamenti tat-Trattati - Adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Iżvezja (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21),
– 31996 L 0004: Direttiva tal-Kummissjoni 96/4/KE tas-16.2.1996 (ĠU L 49, 28.2.1996, p.12),
– 31999 L 0050: Direttiva tal-Kummissjoni 1999/50/KE tal-25.5.1999 (ĠU L 139, 2.6.1999, p.29),
– 12003 T: Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni u l-aġġustamenti tat-Trattati - Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),
– 32003 L 0014: Direttiva tal-Kummissjoni 1999/14/KE tas-10.2.2003 (ĠU L 41, 14.2.2003, p.37),

(a) Fl-Artikolu 7(1), li ġej se jiġi miżjud wara l-kliem "počiatočná dojčenská výživa" u "následná dojčenská výživa":

"– bil-Bulgaru:

"храни за кърмачета " u " преходни храни",

– bir-Rumen:

"preparate pentru sugari" u "pentru copii de vârstă mică".";

(b) Fl-Artikolu 7(1), li ġej si jiġi miżjud wara l-kliem "počiatočná dojčenská mliečna výživa" u "následná dojčenská mliečna výživa":

"– bil-Bulgaru:

"млека за кърмачета" u " преходни млека",

– bir-Rumen:

"lapte pentru sugari" u "pentru copii de vârstă mică."";

~~3~~2. 31999 L 0021: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/21/KEE tal-25 ta' Marzu 1999 dwar l-ikel djetetiku għal skopijiet mediċi speċjali (ĠU L 91, 7.4.1999, p. 29), kif emendat minn:

– 12003 T: Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni u l-aġġustamenti lit-Trattati - Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika tal-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

Fl-Artikolu 4(1), il-lista li tibda "bl-Ispanjol" u li tintemm bil-kliem "medicinska ändamål"se tiġi sostitwita bil-lista li ġejja:

"– bil-Bulgaru:

"Диетични храни за специални медицински цели"

– bl-Ispanjol:

"Alimento dietético para usos médicos especiales"

– biċ-Ċek:
"Dietní potravina určená pro zvláštní lékařské účely"

– bid-Daniż:

"Levnedsmiddel/Levnedsmidler til særlige medicinske formål"

– bil-Ġermaniż:

"Diätetisches/Diätetische Lebensmittel für besondere medizinische Zwecke (Bilanzierte Diäten)"

– bl-Eston:

"Toit meditsiinilisel näidustusel kasutamiseks"

– bil-Grieg:

"Διαιτητικά τρόφιμα για ειδικούς ιατρικούς σκοπούς"

– bl-Ingliż:

"Prodott(i) tal-ikel għal finijiet mediċi speċjali"

– bil-Franċiż:

"Aliment(s) diététique(s) destiné(s) a des fins médicales spéciales"

– bit-Taljan:

"Alimento dietetico destinato a fini medici speciali"

– bil-Latvjan:

"Diētiskā pārtika cilvēkiem ar veselības traucējumiem"

– bil-Litwen:

"Specialios medicininės paskirties maisto produktai"

– bl-Ungeriż:

"Speciális – gyógyászati célra szánt – tápszer"

– bil-Malti

"Ikel dijetetiku għal skopijiet mediċi speċifiċi"

– bl-Olandiż:

"Dieetvoeding voor medisch gebruik"

– bil-Pollakk:

"Dietetyczne środki spożywcze specjalnego przeznaczenia medycznego"

– bil-Portugiż:

"Produto dietético de uso clínico"

– bir-Rumen:

"Alimente dietetice pentru scopuri medicale speciale"

– bis-Slovakk:

"dietetická potravina na osobitné lekárske účely"

– bis-Sloven:

"Dietno (dietetično) živilo za posebne zdravstvene namene"

– bil-Finlandiż:

"Kliininen ravintovalmiste/kliinisiä ravintovalmisteita"

– bl-Iżvediż:

"Livsmedel för speciella medicinska ändamål"".